



Dokument ta' sessjoni

A9-0279/2023

27.9.2023

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regulatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral
(COM(2023)0108 – C9-0039/2023 – 2023/0056(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Grace O'Sullivan

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	7
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	9
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	10

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jstabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regulatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (COM(2023)0108 – C9-0039/2023 – 2023/0056(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0108),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0039/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2023¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0279/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (UE) 2019/833

Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

¹ ĠU C 293, 18.8.2023, p. 144.

5. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f' dan ir-Regolament ***jew fis-CEM***, il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni marbutin mat-teħid tal-ħut fiż-Żona Regolatorja, b' mod partikulari d-daqs tal-malji, il-limiti tad-daqs u ż-żoni u l-istaġuni magħluqin, ma għandhomx jillimitaw lill-bastimenti tar-riċerka.

5. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f' dan ir-Regolament, il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni marbutin mat-teħid tal-ħut fiż-Żona Regolatorja, b' mod partikulari d-daqs tal-malji, il-limiti tad-daqs u ż-żoni u l-istaġuni magħluqin, ma għandhomx jillimitaw lill-bastimenti tar-riċerka.

Ġustifikazzjoni

Peress li s-CEM mhuwiex ippubblikat bis-sħiħ f' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ma jistax ikun infurzabbli bis-sħiħ, u għalhekk ma jistax jagħmel ir-restrizzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli għall-bastimenti tar-riċerka fiż-Żona Regolatorja tan-NAFO.

NOTA SPJEGATTIVA

(1) Kontenut tal-proposta

Fit-3 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/833, li ttraspona fid-dritt tal-UE l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar (CEM) adottati mill-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (in-NAFO), li l-Unjoni Ewropea ilha parti kontraenti tagħha sa mill-1979. L-għan ewlieni ta' din il-proposta huwa li tittrasponi fid-dritt tal-Unjoni l-emendi fil-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li n-NAFO adottat waqt l-43 laqgħa annwali tagħha f' Settembru 2022.

In-NAFO hija l-organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd li hija responsabbli għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral. Il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tan-NAFO japplikaw esklussivament għaż-Żona Regulatorja tal-ibħra miftuħa tan-NAFO, u sakemm ma jkunx previst mod ieħor, għall-bastimenti tas-sajd kollha użati jew maħsuba għall-użu għall-finijiet ta' attivitajiet tas-sajd kummerċjali mwettqa fuq riżorsi tas-sajd. Skont it-termini tal-Konvenzjoni NAFO, il-Kummissjoni tagħha, korp kostitwenti li tiegħu huma membri l-partijiet kontraenti kollha, hija responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar.

Il-Konvenzjoni tan-NAFO tiddikjara wkoll li l-miżuri ta' konservazzjoni li l-Kummissjoni tadotta huma vinkolanti u l-partijiet kontraenti huma obbligati jimplimentawhom. Il-miżuri ġodda jiġu adottati mill-Kummissjoni tan-NAFO waqt il-laqgħat annwali tagħha fil-forma ta' deċiżjonijiet, li dwarhom il-Partijiet Kontraenti jiġu sussegwentement notifikati mis-Segretarju Eżekuttiv. L-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-UE trid tirrispetta strettament id-dritt internazzjonali. Dan jinkludi l-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO.

Din il-proposta tittrasponi l-miżuri adottati min-NAFO f' Settembru 2022 li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru tal-istess sena u li baqgħu applikabbli minn dakinhar.

(2) Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur tilqa' din l-emenda proposta għar-Regolament, li taġġorna d-dritt tal-UE permezz tat-traspożizzjoni tal-miżuri l-ġodda ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO mill-ħarifa 2022.

Madwar 40 bastiment tal-UE bħalissa jistadu fiż-Żona Regulatorja tan-NAFO, u Spanja u l-Portugall għandhom l-akbar flotot.

Il-miżuri l-ġodda adottati min-NAFO fil-ħarifa tal-2022 u inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni jinkludu rekwiżiti għas-sottomissjoni tal-pjanijiet ta' riċerka u r-rekwiżiti tal-bastimenti għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' riċerka kif ukoll l-informazzjoni minima li għandha tiġi inkluża fl-istħarriġiet rispettivi, dispożizzjonijiet għall-għeluq tad-Diviżjoni 3M għar-redfish malli tintlaħaq il-qabda totali permissibbli (TAC), dispożizzjonijiet għall-irmonk bi prova meta bastiment jidħol f' diviżjoni tas-sajd għall-ewwel darba, projbizzjonijiet fuq l-attivitajiet tas-sajd, tal-ħatt l-art u taż-żamma tal-klieb il-baħar ta' Greenland, u l-elekar

bħala bastimenti illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati (IUU) fin-NAFO jekk tali bastimenti jkunu ġew elenkati f'organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) oħra.

Il-proposta tinkludi wkoll setgħat delegati lill-Kummissjoni biex temenda r-Regolament (UE) 2019/833 dwar l-implimentazzjoni fil-liġi tal-Unjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO, fir-rigward tad-dmirijiet tal-Istati Membri tal-bandiera dwar il-pjanijiet u r-rekwiżiti tar-riċerka għall-bastimenti involuti fir-riċerka.

Ir-Rapporteur tixtieq tenfasizza l-importanza tal-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), b'mod partikolari l-impenji ambjentali tal-politika li jappartjenu għal meta l-bastimenti tal-UE jkunu attivi f'ilmijiet mhux tal-UE, u l-aderenza mar-regoli tal-RMFO rispettivi. Ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, jekk jiġu implimentati kif suppost, jipprovdu approċċ ambizzjuż u meħtieġ ferm għall-ġestjoni tas-sajd.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral	
Referenzi	COM(2023)0108 – C9-0039/2023 – 2023/0056(COD)	
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	3.3.2023	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 13.3.2023	
Rapporteurs Data tal-ħatra	Grace O'Sullivan 20.4.2023	
Eżami fil-kumitat	28.3.2023	18.7.2023
Data tal-adozzjoni	20.9.2023	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 1 0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, João Albuquerque, François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Asger Christensen, Francisco Guerreiro, Niclas Herbst, Ladislav Ilčić, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Bert-Jan Ruissen, Marc Tarabella, Theodoros Zagorakis	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ska Keller, Gabriel Mato, Lucia Vuolo	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Massimiliano Smeriglio, Emma Wiesner	
Data tat-tressiq	27.9.2023	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

21	+
ECR	Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen
NI	Marc Tarabella
PPE	François-Xavier Bellamy, Maria da Graça Carvalho, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Lucia Vuolo, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Asger Christensen, Pierre Karleskind, Emma Wiesner
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Isabel Carvalhais, Predrag Fred Matić, Massimiliano Smeriglio
Verts/ALE	Francisco Guerreiro, Ska Keller

1	-
ID	France Jamet

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni